MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-26 ta' April, 2010

Talba Numru. 338/2009

**Public Broadcasting Services Limited (C-13140)**
**Vs**
**Malta Music Festivals Limited (C-42077)**
**u permezz ta’ digriet ta’ dan it-Tribunal tat-28 ta’ Awissu, 2009**
**gie mahtur Dr Anthony Cutajar LL.D, bhala kuratur deputat,**
**sabiex jirraprezenta lis-socjeta’ konvenuta Malta Music Festivals Limited (C-42077).**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socejta’ konvenuta ghall-hlas ta’ seba’ mija hamsa u hamsin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€755.88) rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi resi lilha.

Illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont dovut, din baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija s-socjeta' attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jogghbu jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lilha l-ammont ta' seba' mija hamsa u hamsin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€755.88) rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi rezi lilha.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura u bl-interessi skont il-ligi mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li hi minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut nomine  fejn qal illi l-kuratur deputat f'dak l-istadju ma huwiex edott mill-fatti u ghalhekk jirriserva li jipprezenta risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilu jikkomunika mad-diretturi tas-socjeta' konvenuta u f'dan ir-rigward jirrilleva ukoll li diga' baghat l-ittra, kopja ta' liema hija annesa mar-risposta mmarkata bhala Dok. 'A'.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti in atti.

Sema' x-xhieda ta' Ramona Mamo Degiovanni.

L-avukat difensur tas-socjeta'attrici rremmetta ruhu ghad-decizjoni tat-Tribunal.

Sema' t-trattazzjoni tal-konvenut nomine.

**Ikkunsidra:-**

Illi din il-kawza titratta dwar  serje ta'  allegati reklami li xxandru fuq 'Radio Magic' f'Ottubru, 2007  u li sal-lum ma thallsux mis-socjeta' konvenuta.

Illi d-dokument ipprezentat mis-socjeta' attrici, u mmarkat Dok RMD2, huwa applikazzjoni sabiex meta jigi accettat mill-klijent jsir ftehim bejn il-partijiet. Skont *Contract Number* 500546 l-kundizzjoni ewlenija sabiex is-socjeta' attrici tittrasmetti reklami, din l-applikazzjoni kellha l-ewwel tigi ffirmata u accettata bil-miktub mill-klijent u cioe' s-

socjeta' konvenuta flimkien ma' ufficjal tal PBS Ltd. It-Tribunal ser jikkwota mid-dokument imsemmi:-

"*The parties understand and agree that this application shall become a contract when it has been accepted by the Client in writing and by an official of PBS Limited and until then shall not be binding. To signify the client's acceptance of this application, the client shall forward to PBS the duplicate copy with the form of acceptance duly signed.*"

It-Tribunal jirrilleva li l-unika prova dokumentali li s-socjeta' attrici gabet in sostenn tat-talba taghha kien Dok RMD2. Ili kemm il-firma tal-klijent u kemm il-firma tal-attur huma neqsin fid-dokument ezebit mill-atturi bhala prova ta' ftehim bejniethom. Illi minghajr il-firem fuq dan id-dokument, partikolarment dik tal-klijent, ifisser illi ma kienx hemm accettazzjoni ta' ftehim bejniethom u konsegwentment l-ordni ma kienetx approvata skont il-kundizzjonijiet imposti ms-socjeta' attrici stess.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, s-socjeta' konvenuta ma tistax titqies responsnabbli ghal hlas mitlub.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi s-socjeta' attrici naqset milli tipprova dan il-kaz u ghalhekk tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez ghas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------